MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 940/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**-vs-**

**Joseph u Catherine miżżewġin Spiteri; u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2012 Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia ġew nominati sabiex jirrappreżentaw lill-eredita' ġjaċenti tal-mejjet Joseph Spiteri; u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2013 ġew nominati Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi deputati tal-assenti Neville Spiteri bħala eredi preżuntiv tal-imsemmi Joseph Spiteri.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-Bank of Valletta p.l.c. (C2833) preżentat fit-30 ta' Settembru 2011 fejn ġie premess:

Illi, in forza ta' bejgħ in subbasta numru 35/09 miżmum taħt l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Novembru 2009 fejn ġew liberati għaf-favur tas-soċjeta' attriċi, l-arja sovrastant blokka t'appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta' *'Lornev flats'* ta' ċirka l-kejl ta' mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (158m.k.), ġo Triq Ġulju, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema blokka hi konfinanti mill-Lvant mal-imsemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Charles Meilak u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' James Gatt, kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. "A", u l-*flat* numru tlieta (3) li jifforma parti minn blokk t'appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta' *'Lornev Flats'* ġewwa Triq Ġulju, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, mibnija fuq porzjoni diviża magħrufa bħala *plot* sbatax (17) formanti parti minn artijiet tat-Torba l-Bajda, kif kuntrada ta' Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema *flat* għandu kejl ta' ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76mk) konfinanti mill-Lvant ma' msemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Charles Meilak u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' James Gatt, liberu frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. "B";

Illi għalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dawn il-fondi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond indikat fid-dokumenti "A u B" hawn anness.

Illi, l-konvenuti ġew interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmija fondi u dan permezz ta' ittra datata 30 ta' Ġunju 2011 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok "C", iżda dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qegħda hawn titlob li dina l-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-arja sovrastanti blokka ta' appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta' 'Lornev Flats', ċirka l-kejl ta' mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (158mk), ġo Triq Ġulju, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema blokka hi konfinanti mill-Lvant ma' msemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Charles Meilak u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' James Gatt, u l-flat numru tlieta (3) li jifforma parti minn blokk t'appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta' 'Lornev Flats' ġewwa Triq Ġulju, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, mibnija fuq porzjoni diviża magħrufa bħala *plot* sbatax (17) formanti parti minn artijiet tat-Torba l-Bajda, fil-kuntrada ta' Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema flat għandu kejl ta' ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76mk) konfinanti mill-Lvant ma' msemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Charles Meilak u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' James Gatt, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

2. Tordna illi, in konsegwenza, l-istess konvenuti, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiżgombraw l-arja

sovrastanti blokka ta’ appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta’ ‘Lornev Flats’, ta’ ċirka l-kejl ta’ mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (158mk), ġo Triq Ġulju, Buġibba limiti ta’ San Pawl il-Baħar, liema blokka hi konfinanti mill-Lvant ma’ msemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Charles Meilak u minn nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ James Gatt, u l-flat numru tlieta (3) li jifforma parti minn blokk t’appartamenti mingħajr numru uffiċjali bl-isem ta’ ‘Lornev Flats’ ġewwa Triq Ġulju, Buġibba limiti ta’ San Pawl il-Baħar, mibnija fuq porzjoni diviża magħrufa bħala *plot* sbatax (17) formanti parti minn artijiet tat-Torba l-Bajda, fil-kuntrada ta’ Buġibba, limiti ta’ San Pawl il-Baħar, liema flat għandu kejl ta’ ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76mk) konfinanti mill-Lvant ma’ msemmija Triq Ġulju, mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Charles Meilak u minn nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ James Gatt, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u jħallu l-istess immobbli liberi u battala favur is-soċjeta’ attriċi.

Bl-ispejjeż u bir-riżerva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta’ attriċi kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-17 t’Ottubru 2012 mill-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia in rappreżentanza tal-eredita’ ġjaċenti tal-mejjet Joseph Spiteri, fejn ġie eċċepit:

Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta fil-mertu fi stajdu ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-18 ta’ Lulju 2013 mill-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo in rappreżentanza tal-assenti Neville Spiteri bħala eredi preżuntiv tal-imsemmi Joseph Spiteri, fejn ġie eċċepit:

Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rappreżentat u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lill-Bank rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ għandu dwar kull mezz ta’ kommunikazzjoni mal-intimat.

Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ma tippreżenta ebda diffikolta’ għaliex  jidher ċar mid-dokumenti esebiti u mill-provi l-oħra li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa għaliex dak sottomess mill-bank attur huwa suffiċjentement pruvat.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ xahrejn.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti, għalkemm min-naħa tagħha l-attriċi għandha tħallas proviżorjament l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuratur deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------